MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2010

Numru. 246/2001

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT SILVIO VALLETTA**

**KONTRA**

**REGINALD BUGEJA ta' 38 sena, iben il-mejjet Paul u Doris nee' Hole, imwieled Tal-Pieta' nhar il-05.11.1972, residenti fil-fond numru 26, Triq il-Kullegg, Rabat (Malta) detentur tal-karta ta' l-identita' numru 505272M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **REGINALD BUGEJA** li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-6 ta' April, 2001 ghall-habta ta' 11.30am, gewwa Triq l-Imriehel, Birkirkara, ikkommetta serq ta'

vettura tal-ghamla Ford KA bin-numru tar-registrazzjoni LCC 501, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, u valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), ghad-detriment ta’ Dejan Vikic;

2. U aktar talli nhar is-6 ta’ April, 2001 f’Malta, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe’ vettura tal-ghamla Ford KA bin-numru tar-registrazzjoni LCC 501, mehud b’qerq, jew akkwistat b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kul mod li jkun indahal biex ibieghu jew imexxieh;

3. U aktar talli sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), nhar il-11 ta’ April, 1997, 29 ta’ Lulju, 1994, u 11 ta’ Lulju, 2000 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

4. U aktar talli fil-perjodu operattiv ta’ zewg sentenzi sospizi, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 06.10.2000 u 11.10.2000, fejn huwa kien misjub hati u kkundannat ghal piena ta’ 18-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn(2), u 14-il xahar prigunerija sospizi ghal tlitt(3) snin rispettivament, ikkommetta dan ir-reat li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe’:

a. L-Artikoli 261(g), 267, 271, 278, 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. L-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. L-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. U l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li moqrija l-Artikoli, Reginald Bugeja ddikkjara li ma kelu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat illi moghti z-zmien ghall-provi tad-Difiza, fis-seduta ta’ nhar l-24.01.2003 l-akkuzat irregistra ammissjoni anke moghti zmien biex jahseb fuq l-istess.

In vista’ ta’ tali ammissjoni, id-Difiza talbet u l-Qorti laqghet it-talba li jigi redatt Pre-Sentencing Report, dan redatt gie ezebit mill-ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon (a folio 105 tal-process).

Semghet il-Qorti dwar il-progress li kien qed jaghmel l-istess Reginald Bugeja fil-glieda li hu kellu biex jigi riabilitat mill-vizzju tad-droga.

Rat ukoll in-nota ta’ aggornament li ghamlet l-istess ufficjal tal-Probation fit-18.03.2005.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta ben car u hawn il-Qorti taqbel pjenament ma’ dak konkluz mill-ufficjal tal-Probation li Reginald Bugeja ghalkemm ghamel diversi tentattivi ma rnexxilux jeghleb il-vizzju ta’ l-abbuz tad-droga. Tikkondividi b’mod totali l-konkluzjonijiet ta’ l-istess ufficjal tal-Probation fin-nota ta’ aggornament taghha (folio 132).

Dwar il-piena kkunsidrat is-segwenti: illi certament Reginald Bugeja nghata bizzejjed u hafna opportunitajiet biex jipprova jibdel hajtu, pero certament ma gharafx jisfrutta l-istess. Illi din il-Qorti fil-fatt hija tal-fehma soda li Reginald Bugeja ghandu jbaghti piena karcerarja ta’ dan ir-reat.

Illi in vista’ ta’ l-ammissjoni tieghu qieghda ssibu hati taht l-Artikoli 261, 267, 277, 278, 279, 280, u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, pero mhux ta’ l-Artikolu 80 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta lilu addebitat fil-paragrafu (b) tan-nota ta’ l-Avukat Generali li biha baghat l-Artikoli.

Certament hawn non si tratta ta’ reat hemm ikkontemplat. Kjarament l-Avukat Generali ried li jaddebita lil Bugeja bl-effetti ta’ l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu jemmen li jirrizultaw ir-rekwiziti ta’ l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Pero anke jekk non si tratta niente di meno ta’ lapsus calami, kien ghal dan l-Artikolu 80, maghdud ma’ l-Artikoli l-ohrajn, li ghalihom l-akkuzat ta l-kunsens ghal proceduri sommarji, ghalhekk din il-Qorti bilfors trid tilliberah mill-effetti kontemplati taht l-Artikolu 80 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena kkunsidrat anke l-fatt illi Reginald Bugeja nghata kif gia’ inghad diversi opportunitajiet biex jirriforma ruhu, fatt dan li ghadu m’avverax ruhu, qieset pero l-ammissjoni tieghu appena mibghuta l-Artikoli ta’ l-Avukat Generali. Kif gia’ premess taqbel ma’ dak espost mill-ufficjal tal-Probation li Reginald Bugeja ghandu jbaghti piena karcerarja tar-reati in dezamina u ghaldaqstant qieghda ghar-reati taht l-Artikoli 261, 267, 271, 278, 279, 280, u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (bla applikazzjoni ta’ l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta), tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ 18-il xahar. Tqis ukoll illi r-reat taht l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kien wiehed alternattiv.

Rat ukoll l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat is-Subinciz 2 ta’ l-imsemmi Artikoli, qieset illi r-reati ulterjuri kommessi minn Reginald Bugeja, allura dawk li ghalihom ghadu kif jigi kkundannat, la huma ta’ natura nvolontarja u lanqas ma jgawdu xi cirkostanzi li jimmeritaw li m’ghandhiex tibda tapplika s-sentenza sospiza. Fil-fatt l-unika cirkostanza li rrizultat hija dik li Reginald Bugeja ghandu problema ta’ abbuz ta’ droga, li nonostante li pprova johrog minnha anke xi kultant b’success, din rikbitlu hajtu. Il-fatt ta’ addizzjoni ta’ droga pero m’ghandhux jiftiehem li dawn huma xi cirkostanzi li l-Qorti ghandha tippremja u ghalhekk ma tqieghedx in operat is-sentenzi sospizi moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta.
Tordna ghalhekk li l-piena karcerarja ta’ tmintax(18)-il xahar (vide sentenza a folio 26) u dik ta’ tlettax(13)-il xahar (vide sentenza a folio 33) jibdew isehhu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------